**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' April 2025**

**Rikors Numru: 153/2012 MLF**

**Daniel Farrugia**

**vs**

**Richard Calleja**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tal-attur fejn talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasu s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) bhala prezz ta' hamsa u ghoxrin bhima (baqar) minnu mibjuha u kkonsenjati lil konvenut. Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

   i. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont reklamat fl-avviz promotur mhuwiex dovut mill-konvenut Richard Calleja;

   ii. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv.

3. Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. L-attur spjega li huwa kien rahhal armat bil-baqar u li meta kien iddecieda li ma jkomplix b'dan ix-xoghol, kien sab lill-konvenut li kien interessat li jakkwista l-baqar tieghu. Spjega li huwa kellu 25 bhima li kienu jinkjludu ghoggiela u baqar u li l-konvenut kien rahom u qablu fuq il-prezz ta' Lm200 kull bhima ghal total ta' Lm5,000. Dan il-ftehim sar fil-presenza tal-huttab George Camilleri. Xehed li l-konvenut ma kienx hallsu mill-ewwel izda xorta wahda kienu marru l-biccerija u ffirmaw il-karti biex isir it-trasferiment tal-bhejjem ghal fuq il-konvenut. Spjega li madwar xahar wara l-konvenut kien ghaddielu *cheque* fl-ammont ta' €5,000 izda huwa ma kienx accettah ghaliex skond l-attur il-prezz maqbul kien ta' Lm5,000 u mhux €5,000.[1]

   In kontro-ezami l-attur xehed li huwa kien ilu jaf lill-konvenut madwar ghaxar snin. Spjega li huwa kien iddecieda li jbiegh il-bhejjem ghaliex mill-biccerija kienu qed jinsistu li jaghmel tibdiliet fir-razzett tieghu izda huwa ma setghax ihallas ghall-ispejjez ta' dawn it-tibdiliet. Xehed li kienu marru fir-razzett tieghu ufficjali tal-mohqrija tal-annimali li kienu hejjew rapport u qalulu li ma setghax izomm il-bhejjem fir-razzett li kellu. Qal li l-karti kienu iffirmawhom quddiem Joseph Zammit li huwa ufficjal fil-biccerija.[2]

   ii. Il-konvenut xehed li huwa kien sar jaf bil-bhejjem tal-attur wara li kienet cemplitlu Dr Gabriella Famia minn gewwa l-biccerija u talbitu jmur jara dawn il-bhejjem biex jixtrihom hu ghaliex kienu ser jinqatlu. Qal li l-Malta Dairy Products ma kenitx baqghet taccetta l-halib tal-attur u ghalhekk l-attur kien naqsilhom l-ghalf u

[1] Ara x-xhieda tal-attur a *fol*. 29 tal-process
[2] Ara l-kontro-ezami tal-attur a *fol*. 60 tal-process

l-gwiez u b'hekk il-bhejjem gew fi stat hazin hafna. Xehed li huwa kien mar fir-razzett tal-attur fejn kien hemm ukoll certu George maghruf bhala "tal-bzar" li kien qieghed jghin lill-attur. Spjega li meta beda jitkellem ma' George dwar il-prezz ma kienux specifikaw jekk il-prezz kienx ser ikun bil-valuta tal-euro jew bil-liri Maltin, izda li imbaghad meta waslu ghal ftehim il-prezz maqbul kien dak ta' €200 kull bhima. Ftit jiem wara kien sar it-trasferiment tal-bhejjem ghal fuq ismu u nhargu c-certifikati necessarji li jikkonfermaw li huwa seta' jzomm il-bhejjem. Xehed li meta huwa mar biex ihallas lill-attur kien tah *cheque* fl-ammont ta' €5,000 izda l-attur kien irrifjutah ghaliex kien qallu li l-prezz kien Lm5,000. Spjega li huwa kien qal lill-attur li b'dak il-prezz huwa ma riedhomx u ghalhekk l-attur seta' jerga' jehodhom lura.[3]

In kontro-ezami l-konvenut xehed li kien dam madwar sitt xhur biex beda jiehu l-halib mill-baqar li kien xtara minghand l-attur. Qal li l-attur kien talbu 350 u hu kien offrielu 150 u li fl-ahhar kienu qablu fuq 200 izda ma qalux jekk dawn kienux euro jew liri Maltin.[4]

iii. George Camilleri xehed li kien ghamilha ta' huttab fin-negozju bejn l-attur u l-konvenut fejn kienu qablu dwar il-bejgh ta' 25 bhima bil-prezz ta' Lm200 kull wahda ghal total ta' Lm5,000. Spjega li l-ftehim kien sar bil-liri Maltin u mhux bil-euros, u li din kienet drawwa bejn ir-rahhala li jinnegozjaw fuq il-bhejjem bil-liri Maltin.[5] In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li flimkien mal-partijiet kienu ltaqghu fir-razzett tal-attur. Xehed li ghalkemm kienu saru lmenti dwar il-kundizzjoni tal-bhejjem tal-attur, huwa kien tal-opinjoni li l-bhejjem kienu mizmumin tajjeb. Ix-xhud ikkonferma li l-prezz maqbul bejn il-partijiet kien ta' Lm200 kull bhima.[6]

iv. Nikodemu Farrugia, hu l-attur, xehed li huwa kien prezenti gewwa r-razzett ta' missierhom meta sar in-negozju bejn huh u l-konvenut u li l-prezz mifthiem kien dak ta' Lm200 kull bhima. Spjega li hija drawwa bejn ir-rahhala li n-negozju jsir bil-liri Maltin.[7]

---

[3] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol*. 44 u *fol*.92 tal-process
[4] Ara l-kontro-ezami tal-konvenut a *fol*. 171 tal-process
[5] Ara l-affidavit ta' George Camilleri a *fol*. 49 tal-process
[6] Ara l-kontro-ezami ta' George Camilleri a *fol*. 74 tal-process
[7] Ara l-affidavit ta' Nikodemu Farrugia a *fol*. 53 tal-process

v. Dr Gabriella Fumia, veterinarju fi hdan is-Servizzi Veterinarji, xehdet illi hi kienet taghmel spejzzjonijiet regolari kemm fir-razzett tal-attur u anke tal-konvenut. Spjegat li l-attur ma setghax ikompli jzomm il-baqar ghall-produzzjoni tal-halib stante li r-razzett tieghu ma kienx konformi mar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea mill-aspett ta' igjene u ghalhekk kien biegh il-bhejjem tieghu lill-konvenut. Il-bhejjem ma kienux fi stat hazin u l-halib li kienu jipproducu l-baqar tal-attur baqa' jigi accettat sal-ahhar gurnata.[8]

vi. Dr Joseph Zammit, assistent veterinarju fi hdan is-Servizzi Veterinarji, xehed illi bhala Dipartiment jiehdu hsieb ir-registrazzjoni ta' trasferimenti minn razzett ghall-iehor izda ma jidhlux fin-negozju bejn ir-rahhala. Spjega li mill-arkivji tad-dipartiment kien jirrizulta li fit-12 ta' Awissu 2010 kien sar trasferiment ta' 25 bhima mir-razzett tal-attur ghal dak tal-konvenut.[9]

vii. Dr Duncan Chetcuti Ganado, veterinarju fi hdan is-Servizzi Veterinarji, xehed illi fil-11 ta' Awwissu 2010 kien ghamel spezzjoni fir-razzett tal-attur minn fejn kien irrizultalu li l-bhejjem ma kienux qeghdin jigu mitmugha tajjeb u l-ambjent fejn kienu jinzammu wkoll ma kienx adegwat.[10]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' €11,646.87 rapprezentanti l-prezz ta' hamsa u ghoxrin bhima mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut.

7. Da parti tieghu il-konvenut laqa' ghat-talba tal-attur billi eccepixxa li l-ammont pretiz mill-attur mhuwiex dovut u li fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa eccessiv.

---

[8] Ara x-xhieda ta' Dr Gabriella Fumia a *fol*. 112 tal-process
[9] Ara x-xhieda ta' Dr Joseph Zammit a *fol*. 123 tal-process
[10] Ara x-xhieda ta' Dr Duncan Chetcuti Ganado a *fol*. 144 tal-process

8. Mill-provi prodotti huwa evidenti li d-dizgwid bejn il-partijiet fuq l-ammont dovut inqala wara li gie finalizzat in-negozju bejn il-partijiet. Hemm qbil li dan in-negozju kien jirrigwarda bejgh maghmul mill-attur lill-konvenut ta' 25 bhima u li l-partijiet attribwew valur ta' 200 ghal kull wiehed minn dawn il-bhejjem. Skond l-attur, l-ammont ta' 200 kienu fil-valuta Maltija u ghalhekk il-konvenut ghandu jhallsu Lm5,000 ekwivalenti ghal €11,646.87, filwaqt li l-konvenut jinsisti li l-ftehim bejn il-partijiet kien sar fil-valuta tal-euro u ghalhekk huwa ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' €5,000 u mhux l-ammont pretiz mill-attur fl-intier tieghu.

9. Huwa principju baziku li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah u dan kif jipprovdi wkoll l-artikolu 562 tal-Kodici ta' Procedura u Organizazzjoni Civili. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu 1986, inghad illi:

*"Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni ... ... jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali 'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'.Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata 'beyond reasonable doubt', f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm 'moral certainty', certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm 'a mere possibility'. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-'balance of probabilities'."*

10. Ghal dak li jirrigwarda imbaghad il-kunflitt ta' verzjonijiet, fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**, deciza fit-28 ta' April 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili[11] inghad illi:

---

[11] *Per* Imhallef Philip Sciberras, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza moghtija fid-19 ta' Gunju 2006

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319);".*

11. Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et** deciza fl-24 ta' Marzu 2004 mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri)[12] inghad illi:

*"Huwa pacifiku f`materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra;*
*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*
*... ...*
*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita, u specjalment dawk tal-konsistenza u veromiljanza, ghandhix teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L p II p 440)."*

12. Fil-kaz prezenti, hemm cirkostanzi u indizji li certament ma jistghux jigu traskurati, li jindebolixxu t-testimonjanza tal-konvenut ghar-rigward tal-fatt li l-valuta uzata f'dan in-

[12] *Per* Imhallef Philip Sciberras

negozju kienet dik tal-euro. Fl-ewwel lok il-Qorti qieset li l-verzjoni tal-attur hija korroborata minn xhieda moghtija minn terzi. Dan mhux biss minn Nikodemu Farrugia, hu l-attur, li kien prezenti waqt in-negozjati u kkonferma l-verzjoni tal-attur, izda wkoll minn George Camilleri li huwa persuna kompletament indipendenti mill-partijiet u li wassalhom sabiex jikkonkludu n-negozju ta' bejniethom. Dan ix-xhud spjega bl-aktar mod kategoriku li l-ftehim bejn il-partijiet kien sar fil-valuta Maltija u mhux dik tal- euro u dan indipendentement mill-fatt li l-euro kienet ilha li giet introdotta bhala munita lokali madwar sentejn qabel. Dan ix-xhud spjega li *"... ... kont car daqs il-kristall li n-negozju kien qed isir bil-Maltin u sal-lum, dicenti, naghmilha mar-rahhala, ghodhom jinnegozjaw bil-lira Maltija u mbghad jaqilbuha fl-Ewro u jigu biex ihallsu. U jiena tant kont car, sewwa, u ghadni niftakar... ..."*.[13]

13. Fit-tieni lok, il-Qorti qieset ukoll li l-konvenut ma kienx konsistenti fix-xhieda tieghu meta f'okkazzjoni minnhom xehed illi waqt in-negozjati kien sar diskors fis-sens illi *"Ghidtlu "dawn intik mija u hamsin euro". Qalli "x'inti ttini?" ghidtlu "mela ma jghoddux ghalija". Kien hemm George tal-bzar qalli "tih naqra ohra"."*, izda imbaghad waqt li kien qieghed jixhed in kontro-ezami l-konvenut qal li meta kienu qeghdin jitkellmu dwar il-prezz ma kienux semmew il-valuta li biha kienu qeghdin jinnegozjaw. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dik il-parti tal-kontro-ezami tal-konvenut fejn huwa xehed hekk:

*"Qorti: Domanda wahda rrid naghmel jiena. S' issa inti semmejt cifri, waqt li qed titkellmu. Il-munita, tkellimtu fuqha?*

*Xhud: Ma' tkellimnix fuqha, xejn.*

*Qorti: Tkellimtu jekk l-ammont, inti ghidtlu: "150", ghidtlu jekk humiex ewro jew liri Maltin?*

*Xhud: Le. U mbghad morna jiena u Gorg tal-bzar biex inhallsuh, a tajtu cekk ta' €5000."*[14]

---

[13] Ara l-kontro-ezami ta' George Camilleri a *fol*. 84 tal-process

[14] Ara l-kontro-ezami tal-konvenut a *fol*. 178 tal-process

14. Il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li din il-kontradizzjoni bejn l-ewwel verzjoni moghtija mill-konvenut u dik moghtija minnhu waqt il-kontro-ezami timmilita kontra l-kredibilita' tal-istess konvenut, partikolarment f'cirkostanzi bhal dawn fejn il-punt ewlieni li qieghed jigi kkontestat huwa proprju dan. In oltre, anke jekk ghal grazzja tal-argument din il-Qorti kellha taccetta t-tieni verzjoni moghtija mill-konvenut li ma saret l-ebda referenza ghal valuta meta gie maqbul il-prezz, jekk il-konvenut kellu xi dubju kellu jiccarah fil-mument tal-kontrattazzjoni ghaliex huwa f'dak il-punt li jigu stabbiliti t-termini tal-ftehim.

15. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jargumenta li n-negozju kellu necessarjament isir fil-valuta tal-euro ghaliex li kieku dan sar fil-valuta Maltija kien jirrendi n-negozju null u bla effett peress li l-lira maltija ma kenitx ghadha *legal tender* gewwa Malta. Il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li meta kienu qeghdin jinnegozjaw il-prezz tal-bejgh il-partijiet kienu qeghdin jitrattaw bil-liri Maltin anke wara li fl-2008 l-valuta ta' Malta sar l-euro, dak il-fatt ma jgibx in-nullita' tan-negozju. Dan ma kien xejn hlief mod aktar konvenjenti kif il-partijiet jifthemu u jinnegozjaw bejniethom. Meta valuta ssir *legal tender* tfisser li dik il-valuta tkun mod legali kif isir il-hlas, izda dan ma jfissirx li fl-istadju tan-negozjati il-kontraenti ma jistghux jirreferu ghal valuta ohra.

16. Fir-rigward imbaghad tal-provi mressqa mill-konvenut relattivi ghal kundizzjoni tal-bhejjem mibjuha mill-attur, il-Qorti tqis li mill-atti processwali jirrizulta li l-konvenut kien mar fir-razzett tal-attur u ghalhekk seta' jikkonstata personalment il-kundizzjoni taghhom qabel ma gie konkluz in-negozju. In oltre, mix-xhieda ta' Dr Gabriella Fumia, ufficjal veterinarju fi hdan is-Servizzi Veterinarji, u mix-xhieda ta' George Camilleri jirrizulta li l-bhejjem tal-attur kienu generalment fi stat tajjeb. Huwa minnu li Dr Duncan Chetcuti Ganado, veterinarju iehor xehed li kien irrizultalu li l-bhejjem ma kienux mitmugha tajjeb, madankollu mistoqsi in kontro-ezami dan ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma *"l-kwantita' ta' annimali li kienu f' dak l-istat ta' nutriment. Le, ma' nistax nghidlek. Wiehed, tnejn, ghaxra jew kollha."*[15]

[15] Ara x-xhieda ta' Dr Duncan Chetcuti Ganado a *fol*. 152 tal-process

17. B'zieda ma dan, il-Qorti hija tal-fehema li l-konvenut naqas milli jagixxi fil-parametri ta' dak li tipprovdi l-ligi f'kaz fejn il-haga mibjugha ma tkunx skond il-kwalita' mwieghda, inkluz il-possibilita' li jaccettaha u jhallas ghaliha prezz anqas. Hija gurisprudenza kostanti li din kienet difiza li l-konvenut seta' wkoll javvanza permezz ta' eccezzjoni, madankollu l-mod generiku li bih giet redatta t-tieni eccezzjoni tal-konvenut li *"l-ammont mitlub huwa eccessiv"* minghajr ebda elaborazzjoni ulterjuri ma tistax isservi bhala difiza fit-termini tal-artikolu 1390 tal-Kodici Civili fejn il-konvenut seta' jitlob it-tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti. Din il-Qorti hija prekluza milli takkorda lill-konvenut xi haga li huwa ma talabx b'mod formali u ritwali, u dan stante li l-Qorti trid tasal ghad-decizjoni fil-limiti tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet espressament sollevati mill-konvenut, salv dawk l-eccezzjonijiet li jistghu jitqajjmu mill-Qorti *ex officio*.

18. Fid-dawl tas-suespost, il-konvenut huwa obbligat ihallas il-prezz mifthiem fl-intier tieghu, u konsegwentement it-talba tal-attur ser tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

19. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

    2. Tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), bl-imghax mid-29 ta' Ottubru 2012 - data tal-ewwel seduta li fiha deher il-konvenut - sad-data tal-pagament effettiv.

    3. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**